# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 54/2001 PC**

**Maurice Hili**

**vs**

**Francis Attard;**
**Carmel Attard u b'digriet tat-2 ta' Ġunju 2015, il-ġudizzju ġie trasfuż fuq martu Juliett Attard minflok Carmel Attard stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża; u**
**Carmel Vella**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Frar 2019**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta:

Illi fl-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn (2000) waqt illi l-attur kien qiegħed fuq il-post tiegħu fil-Port ta' l-Mġarr Għajnsielem, Għawdex huwa ġie aggredit mill-konvenuti Francis Attard, Carmel Attard u Carmel Vella;

Illi konsegwenza ta' din l-aggressjoni subita minnu huwa sofra ġrieħi konsiderevoli li minħabba fihom ġie rikoverat l-isptar;

Illi konsegwenza ta' dawn il-ġrieħi l-esponenti sofri debilitazzjonijiet ta' natura permanenti;

Illi minħabba f'hekk l-attur sofra danni konsiderevoli kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegħ ta' l-istess kawża;

Illi l-istess konvenuti għalkemm ġew interpellati diversi drabi sabiex bonarjament jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti minnu dawn dejjem baqgħu inadempjenti.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ta' l-agressjoni subita mill-attur fid-data fuq imsemmija u gaħd-debilitazzjoni konsegwentement sofferta mill-attur;

2. Tillikwida għalhekk id-dannni kollha sofferti mill-attur per konsegwenza ta' dan l-inċident li wassal għad-debilitazzjonijiet fiżiċi fuq l-attur;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra ufficċjali spedita f'Mejju 2001 u bl-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi.

Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur debitament ikkonfermata minnu.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmel Attard li eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex qabel xejn mhux minnu illi l-eċċipjenti kien b'xi mod involut fl-inċident illi fih allegatament Maurice Hili ġie aggredit u sofra xi aggressjoni;

2. Illi fit-tieni lok, lanqas huwa minnu illi per konsegwenza tal-aggressjoni illi huwa allegatament sofra Maurice Hili sofra d-debilita' permanenti illi minnha qiegħed issa jilmenta;

3. Illi fit-tielet lok, jekk Maurice Hili sofra xi debitilta' permanenti, din mhix dovuta għall-inċident ilil allegatament ġara fl-1 ta' Awwissu 2000, iżda għal raġunijiet u kaġun oħra kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi fl-aħħarnett, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-inċident de quo ġie provokat unikament u esklussivament minn Maurice Hili u minħabba l-karattru ferm aggressiv u provokativ tiegħu kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Carmel Vella u Francis Attard li eċċepew illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex qabel xejn mhux minnu illi l-eċċipjenti kienu b'xi mod involuti fl-inċident iżda kien l-istess attur Maurice Hili li waqt l-inċident provokat minnu stess u waqt li kien miexi b'lura waqa' għoli ta' madwar metru;

2. Illi fit-tieni lok, lanqas huwa minnu illi per konsegwenza tal-aggressjoni illi huwa allegatament sofra Maurice Hili sofra d-debilita' permanenti illi minnha qiegħed issa jilmenta;

3. Illi fit-tielet lok, jekk Maurice Hili sofra xi debilita' permanenti, din mhix dovuta għall-inċident illi allegatament ġara fl-1 ta' Awwissu 2000 iżda għal raġunijiet u kaġun oħra kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi fl-aħħarnett u dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, l-inċident de quo ġie provokat unikament u esklussivament minn Maurice Hili u minħabba l-karattru ferm aggressiv fu provokativ tiegħu kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Carmel Vella.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju 2009 fejn innominat lill-ispeċjalista Dr. Anthony Galea Debono sabiex jistabilixxi l-perċentwali ta' diżabilita' li jista' jkun qed isofri minnha l-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża.

Rat ir-rapport tal-istess espert mediku ppresentat fis-6 ta' Jannar 2010 u minnu maħluf fl-20 ta' Jannar 2010.

Rat ir-risposti in eskussjoni tal-istess espert mediku.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Novembru 2009 fejn innominat lill-ispeċjalista tal-ENT Mr. Eric Farrugia sabiex jistabilixxi l-perċentwali ta' diżabilita' li jista' jkun qed isofri minnha l-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża.

Rat ir-rapport tal-istess espert mediku ppresentat fit-3 ta' Mejju 2011, u li jista' jitqies li ġie maħluf permezz tal-eskussjoni tiegħu li saret fl-20 ta' Ottubru 2014.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Settembru 2016, li kkonfermat digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar 2015.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur, in segwitu għal inċident li per konsegwenza tiegħu jgħid li spiċċa jbati minn debilita' permanenti.

L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa.*[2]

**FATTI**

Dan l-inċident seħħ fl-1 ta' Awwissu tas-sena elfejn (2000) meta l-attur jgħid li nqabad fi ġlieda mal-konvenuti waqt li kien qiegħed jaqta' l-biljetti għal min ikun tiela' fuq il-vapur ta' Għawdex, ix-Xatt tal-Imġarr.[3] Huwa jsostni li qala' daqqa ta' ponn fuq għajnu, oħra fuq widintu u spiċċa wkoll b'feriti serji f'rasu wara li ġie mbuttat lura u waqa' għoli ta' madwar metru minn fuq ir-rampa tal-vapur. Din il-ġlieda nqalgħet b'reazzjoni għal inċident li kien seħħ il-jum ta' qabel li kien jinvolvi lit-tfal tal-attur u t-tifla tal-konvenut Vella, fejn allegatament l-attur ukoll refa' jdejh fuqha. Il-konvenuti Attard kienu aħwa u l-konvenut l-ieħor miżżewweġ lill-oħthom. Dakinhar kienu ltaqgħu ix-Xatt bħala familja bħal ma soltu jagħmlu filgħaxija fis-sajf.

Dwar dan il-każ kienet nfetħet inkjesta maġisterjali u ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-konvenuti. Il-partijiet qablu li x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri kellha tgħodd ukoll għall-kawża presenti.[4]

**PROVI DWAR L-INĊIDENT**

Fl-okkorrenza relattiva għal dan l-inċident is-**surġent John Grima** li nvestiga l-każ, rrapporta illi:

"*On the 01/06/2000 P.C. 1120 Anthony Stellini duty at Mgarr, Gozo, requested assistance as a fight was ensued on the quay where certain Maurice Hili who was on his duties with the Gozo Channel was assaulted and injured.*

*In fact, PC 1120 Anthony Stellini interfered and with his efforts arrested Francis Attard who was involved in the assault.*

*Francis Attard was brought to Victoria Police station and certain Karmenu Vella and Zakkarija Attard who were observed roaming in the area were requested to call at Victoria Police Station as it was suspected that they were also involved in the fight.*

---

[1] 44 Dig. Del leg. aquil.IX,2
[2] art.1033 Kap. 16
[3] Ara pjanta redatta mill-perit Guido Vella fl-inkjesta maġisterjali, kopja ta' liema ġiet esebita f'dawn l-atti a fol. 477
[4] Ara verbal a fol. 28

*Entrant called at the Gozo General Hospital where Maurice Hili was being medicated. It resulted that Maurice was being examined at the resuscitation room by Dr. Peter Muscat M.D. and it resulted that the patient was semi unconscious, suffering from hematoma over left eyebrow. Due to head injury, injuries were classified as grievous, but patient was not in danger of dying. Patient was transported to St. Luke's Hospital by helicopter.*

*Preliminary inquiries with P.C. 1120 Anthony Stellini resulted that whilst he was on his duties he observed that about four or five persons known as 'ta' Fantin' approached Maurice Hili who was on the quay on his duties with the Gozo Channel. Argument aroused and all of a sudden, the one who was wearing a green singlet pushed Maurice backwards. Consequently, he fell to a height of 4 feet and Maurice ended motionless on the ground.*

*It resulted that the one who was wearing green singlet was Francis Attard, who was arrested from the spot by PC 1120 Anthony Stellini.*" [5]

Lura l-għassa tar-Rabat lis-surġent Grima:

**Zakkarija Attard** qallu li: "*he arrived on the spot after the accident.*" [6]

**Carmel Vella** qallu: "*Il-bierah Maurice habat ghat-tifla tieghi Francelle ta' 16 il-sena. Rajtu l-Imgarr u mort staqsejtu ggaliex ghamel hekk. Ridt inkun naf x'gara halli jekk hemm bzonn incanfarha. Lil Maurice nafu u konna hbieb. Kull ma rrispondieni – tieghek ghadha gejja. Refa' jdejh sabiex jaghtini u jiena mbuttajtlu jdejh u lqattu f'wiccu. Rega tani s-salt u gie Frenc u Maurice waqa' ghal isfel.*"[7]

L-għada 2 ta' Awwissu 2000, l-konvenuti rrilaxxjaw lill-Pulizija stqarrija kull wieħed:

**Francis Attard** qal li x'ħin ra "*gegwigija ta' nies jaghtu bhal sreidaq*" ndaħal biex jifridhom… "*Regghu bdew jimbottaw lil xulxin u rajt lil Maurizio jerga' lura, kien qisu bhal taghtu xi haga, gie fil-vojt u waqa' lura. Imbaghad il-pulizija gibed lili lura u ordnali biex immur mieghu… Jien nghid li ma ersaqtx mieghu aktar minn seba piedi 'il boghod u nghid li jien ma missejtx mieghu.*"[8]

**Carmel Attard** spjega li: "… *Fid-daqqa u l-hin ir-ragel t'ohti qam minn fejn kien, u jien mort nara fejn kien mar u fid-daqqa u l-hin rajtu jiggieled ma' l-iehor… Jien mort nigri biex nifridhom. Nghid li mbaghad qamet konfuzjoni shiha, ghaliex xi haddiema ohra tal-Gozo Channel bdew izommu lil min kien jifred u ma kienux jafu x'inhuma jaghmlu. Nghid li fil-konfuzoni dan kien fit-tarf u waqa' lura u habat rasu u ma qamx…*"[9]

**Carmel Vella**, elabora fuq dak li kien qal lis-surġent il-lejl ta' qabel: "*Jiena nzilt ix-Xatt bhas-soltu. Imbaghad mort biex inkellem lil certu Maurizio li jahdem mal-Gozo Channel fuq li kien gara l-gurnata ta' qabel, fejn it-tifla tieghi li jisimha Franscelle u li ghandha sittax il-sena, qaltli li dan Maurizio kien ta xebgha. Ghalhekk jien ersaqt fejn il-vapur u bdejt nghid wahdi, tghid Murizio mhux*

[5] Ara okkorrenza tal-1.08.2000 esebita bhala Dok. JG 1 a fol. 102 tal-proċess
[6] Ibid. a fol. 103
[7] Ibid.
[8] Ara stqarrija a fol. 84
[9] Ara stqarrija a fol. 87

*hawn illum. Imbaghad fil-pront qabez hu u qalli hawn xi trid. Imbaghad jien ghedtlu, Mauriz, inti l-bierah x'hawwad, u hu qalli inti tieghek ghadha gejja, u jien ghedtlu li jien ma gejtx ghal glied. Ghedtlu ghidli d-dritt biex lilha nwissiha…Imbaghad rega' qalli li tieghek ghadha gejja u imbaghad refa' idu fuqi u idejh ghaddiet zbrixx minn ma' wicci. Nghid li mbaghad tajna daqtejn lil xulxin. Imbaghad infridna u ergajt ghedtlu biex jghidli x'kien gara, meta* <u>*mbaghad gie hu l-mara tieghi Frencu u imbuttah biex jifridna, u lili imbuttani lejn naha u lilu lejn naha ohra, izda Murizio sab il-vojt u waqa' minn fuq ir-rampa ghal isfel…*</u>"[10]

Dawn l-istqarrijiet saru fil-presenza tal-**Ispettur Maurice Curmi,** li pero' fil-proċeduri kriminali li kienu qed isiru ftit jiem biss wara, stqarr li dakinhar stess tal-inċident meta ħadu lil Francis Attard u Carmel Vella l-għassa tar-Rabat, Attard kien tah verżjoni differenti ta' kif ġraw l-affarijiet: "…*Frangisku Attard kompla jghid li dan Carmel Vella avvicinah lil Maurice Hili, il-vittma, li kien qed xoghol mal-Gozo Channel dak il-hin, fuq ir-rampa u ftit tal-hin wara jarahom qed jiggieldu u dan, .. avvicina lil tnejn (2) minn nies biex jipprova jferraq il-glieda, meta f'hin minnhom qal li mbuttah.* <u>*Frangisk Attard qal li mbotta lil Maurice Hili sabiex ibeghdu minn Carmel Vella u dan waqa' minn fuq ir-rampa*</u>…"[11]

Fl-istess proċeduri l-attur **Maurice Hili** spjega kif waqt li kien għax-xogħol jaqta' l-biljetti tal-vapur, u kien għadha kemm telqet il-mara minn fejnu, x'hin tfaċċa Carmel Vella isaqsi għalih u qallu: "*Lit-tifla x'ridtha*?" u beda jtajjar bil-ponn għalih. Huwa beda' jilqalgħu, imma Vella laqtu f'għajnu. Wara tfaċċa Carmel Attard u taħ daqqa ta' ponn f'widintu tax-xellug. Imbagħad, sakemm pulizija li jkun għassa x-Xatt ipprova jtellgħu fuq il-vapur, Frenċ Attard taħ daqqa ta' ponn ġo wiċċu u tefgħu mir-rampa għal isfel.[12]

Il-kuntistabbli **Anthony Stellini**, fix-xhieda tiegħu fil-proċeduri kriminali, qal li: " *Fl-1 ta' Awwissu ta' din is-sena jiena kont qieghed night watch…Ghall-habta ta' l-ghaxra inqala argument fuq ir-rampa tal-vapur bejn l-ahwa maghrufa 'Ta' Fantin' u Maurice Hili li huwa mpjegat mal-Gozo Channel.*

*Jiena mort nipprova nevita x'inkwiet u flimkien ma' x'impjegati tal-Gozo Channel ippruvajna nifirdu n-nies.*

*Dak il-hin li mort jien Maurice Hili diga' kellu qasma fuq ghajnejh, pero' naf li kellu d-demm f'wiccu.*

*Jiena ppruvajt inzomm lil Zakkarija Attard u ma' gembi kien hemm Frenc Attard. Dana kien qieghed fuq ix-xellug tieghi. Fuq il-lemin kelli lil Maurice Hili. Waqt li jiena kont qieghed nimbotta lil xi hadd inhares faccata tieghu, Frenc Attard ghadda minn warajja u meta ndawwar wicci nara lil Maurice Hili ma' l-art u ma kienx qed jitharrek.*
*Frenc Attard li qed naghraf bhala l-imputat qalli: 'kemm kemm messejtu'…*

---

[10] Ara stqarrija a fol. 89; sottolinear tal-Qorti
[11] Ara xhieda tiegħu a fol. 91 – 92; sottolinear tal-Qorti
[12] Ara xhieda tiegħu a fol. 130 - 132

*Jiena kelli s-suspetti tiegħi illi kien Frenc Attard illi mbotta lil Maurice Hili u fil-fatt staqsejt anke xi nies illi kienu hemm u qaluli illi kien hu li mbuttah. Għalhekk jiena nsistejt ħafna ma' Frenc Attard u staqsejtu tlett (3) darbiet: 'Inti imbuttajtu, inti mbuttajtu?'*

*Frenc Attard qalli: '<u>Jiena kemm kemm messejtu, u biex nifridhom</u>.*"[13]

**Robert Micallef**, impjegat ieħor tal-Gozo Channel li dak il-ħin kien xogħol ukoll fl-istess post, fisser fil-proċeduri kriminali li: "…*Jiena persuna waħda rajt effettivament timbotta lil Mawrizju. Lil din il-persuna rajtha tiġri għal Mawrizju u tagħtih imbuttatura fuq sidru. Mawrizju per konsegwenza waqa' xi tlieta jew erba' filati minn fuq ir-rampa għal fuq il-moll…*" Ma setgħax pero' jidentifika din il-persuna min kienet.[14]

L-avukat **Kevin Mompalao** li kien inħatar bħala espert legali fl-inkjesta maġisterjali li saret dwar dan il-każ, jgħid fil-parti tal-kunsiderazzjonijiet tiegħu li: "*Għalkemm ma tirrizultax minn l-atti tax-xhieda minnu migbura, l-esponenti jixtieq jigbed l-attenzjoni tal-fatt illi meta huwa ssejjaħ l-għassa tal-pulizija għal din l-inkjesta qabel ma mar għall-access, is-surgent PS755 Frank Gauci introduca lill-esponent ma' Frangisku Attard li kien qed jinżamm arrestat u qallu li l-esponent kien espert tal-Qorti. Frangisku Attard dar fuq l-esponenti u qallu '<u>Jaħasra kemm kemm messejtu, kemm imbuttajtu tikka minn sidru u waqa' għal isfel</u>' jew kliem ieħor simili u fl-istess sens.*"[15]

Fl-istess inkjesta maġisterjali l-konvenut **Carmel Vella**, stqarr mal-espert legali li: "… *sussegwentement mar hu martu biex jifridhom. Jaf li biex jifridhom kellu jimbuttahom it-tnejn <u>u kif imbotta lil Mawrizju</u> biex jifridhom, dak sab il-vojt tar-rampa u waqa'*.[16]

Inġabru ħafna provi oħra f'din il-kawża, uħud minnhom irrilevanti għal kollox għall-mertu presenti, billi iżjed jittrattaw dwar l-inċident li kien seħħ il-jum ta' qabel meta t-tifla tal-konvenut Carmel Vella u seħbitha kellhom xi jgħidu mat-tifla tal-attur, u fejn l-attur jidher li ndaħal ukoll fil-kwistjoni. Jirriżulta madankollu li minn dak li ġie riprodott hawn fuq hemm provi suffiċjenti li jindikaw il-ħtija għal dak li ġara.

**RESPONSABILITA'**

Fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabilita' akwiljana, l-prinċipju huwa li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha.[17] Ta' dan in-nuqqas trid tagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabilita' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż.[18]

Ġie affermat mill-qrati tagħna:
"*Illi sabiex tirnexxi azzjoni għad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:*

[13] Ara din ix-xhieda a fol. 117 – 118; sottolinear tal-Qorti
[14] Ara xhieda tiegħu a fol. 135
[15] Ara rapport tiegħu a fol. 453 tal-proċess
[16] Ara l-istess rapport, para. 28 a fol. 449 tal-proċċess; sottolinear tal-Qorti
[17] Art. 1031 Kodiċi Ċivili
[18] Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri: P.A. 3.10.2003

*(1) il-fatt dannuż illecitu;*

*(2) l-imputabbilita tal-istess fatt għal min ikun għamlu;*

*(3) id-dannu ikkaġunat minn dan l-istess fatt u*

*(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun għamlu.*"[19]

Għalhekk ikun hemm ir-responsabbli għad-danni jekk tiġi ppruvata konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati mill-istess att.

In linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li "*hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża.*" (kollez. Vol. XLIV P1 p.343).

Fil-każ in eżami l-ħsara li jridu jwieġbu għaliha l-konvenuti jew min minnhom, in konnessjoni mal-inċident mertu tal-kawża, hija d-dannu li jirriżulta li sofra l-attur kawża tal-istess inċident. Kif sejjer jiġi ndikat f'iżjed dettal hawn taħt, per konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra debilita' permanenti meta waqa' minn fuq ir-rampa tal-vapur u ħabat rasu mal-art. Il-feriti l-oħra li kellu bid-daqqiet ta' ponn fuq widintu x-xellugija u għajnu, ma jirriżultax li kkawżawlu xi debilita' permanenti jew kellu xi konsegwenzi serji minħabba fihom.[20] Għalhekk safejn jidher li dawn iż-żewġ feriti ġew ikkaġunati mill-konvenuti Carmel Vella u Carmel Attard, m'hemm xejn għal xhiex dawn it-tnejn għandhom iwieġbu. Minn naħa l-oħra, m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li mill-provi hawn fuq indikati jirriżulta, fil-grad rikjest mil-liġi fil-kamp ċivili, li kienet l-imbuttatura li ta l-konvenut Francis Attard lill-attur li kkaġunat il-waqa' tiegħu minn fuq ir-rampa għal fuq il-moll, xi metru 'l isfel. Jekk din l-imbuttatura kenitx intenzjonata biex twaqqa' lill-attur jew sempliċement biex tifirdu minn ma' Carmel Vella, kif x'aktarx jidher li kien il-każ, huwa mmaterjali għal-fini ta' din il-kawża, għax kif rajna, sew jekk il-ħsara ġiet ikkaġunata b'*dolus* jew *culpa*, min ikkaġunaha irid jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi tagħha.

Fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu, l-legali tal-konvenuti Francis Attard u Carmel Vella, jissottometti li peress li dan l-inċident kien ipprovokat mill-attur, għandu jiġi mwettaq dak li jistipula l-artikolu 1051 tal-Kap. 16, kif applikat fil-ġurisprudenza, fis-sens li:

"*Il-Qorti għalhekk taqbel li f'dan il-każ kemm l-attur kif ukoll il-konvenut kienu responsabbli għar-raġunijet fuq vokazzjoni da parti tal-atttalli rreagixxa bil-mod vjolenti. Il-konvenut għandu jgawdi minn riduzzjoni tad-danni minħabba dina l-provokazzjoni. In tema ta' ħtija kontributorja, il-prinċipju akkolt fil-ġurisprudenza hu illi fejn din il-ħtija ma tistax tiġi diviża b'ċertezza allura din l-istess ħtija tiġi ugwalment apporzjonata,*"[21] u għalhekk l-attur għandu jiġi attwribut nofs il-ħtija għal dak li ġralu.[22]

---

[19] Agius vs Busuttil: Appell:14.12.1982
[20] Ara xhieda ta' Dr. Peter Muscat fil-proceduri kriminali, a fol. 115 tal-proċess
[21] Prim Awla Qorti Civili, 28.01.2005, Charles Delia vs Joseph Scicluna
[22] Ara Nota ta' sottoimissjonijiet a fol. 1276 – 1277 tal-proċess

Din il-Qorti pero', bir-rispett kollu, ma taqbilx mat-teżi ta' dawn il-konvenuti. Dan għaliex ma jidhirx li kien hemm xi provokazzjoni da parti tal-attur. Anzi, fil-ħin li nqala' dan l-inċident, huwa kien qiegħed għal xogħlu fuq ir-rampa tal-vapur jaqta' l-biljetti tal-passiġġieri. Kien il-konvenut Vella li mar ifittxu u avviċinah biex jieħu sodisfazzjon għal dak li kien seħħ il-jum ta' qabel. Għalkemm dan jgħid li d-daqqa fuq għajnu tahielu b'reazzjoni għal daqqa oħra li pprova jagħtih l-attur u b'hekk spiċċaw fl'idejn, dan ma tantx jidher li huwa verosimili. Kien l-attur biss li ġarrab feriti fuq ġismu, u ħadd mill-konvenuti ma lmenta li weġġa' b'xi mod. Lanqas huwa wisq kredibbli l-konvenut Vella meta jgħid li huwa ried biss spjegazzjoni mingħand l-attur fuq dak li kien seħħ lejliet, biex jekk hemm bżonn iċanfar lil bintu, meta huwa evidenti li kien għadu rrabjat sew għal dak li ġara.

**LIKWIDAZZJONI TA' DANNI**

Skont il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[23] Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' wkoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie.[24]

Skont il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**Damnum Emergens:**

A tenur tal-artikolu msemmi, il-ħsara li persuna rsponsabbli għandha twieġeb għaliha taħt dan l-aspett hija:

(i) t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara;

(ii) l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara; u

(iii) it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali.

Dwar (i): ma jirriżultax li kien hemm xi telf f'dan ir-rigward.

Dwar (ii): l-attur esebixxa diversi riċevuti dwar spejjeż mediċinali u visti għand l-ispeċjalisti li huwa kellu jagħmel sakemm kien qiegħed jirkupra mill-effetti tat-trawma li

[23] Savona vs Asphar: Appell:23.6.1952
[24] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol.XL.I.73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech;vol.XLII.II.1019

għadda minnha, u jippretendi kumpens għalihom.[25] Madankollu jirrizulta li huwa bbenefika minn *medical insurance* tal-kumpanija li jaħdem magħha li bis-saħħa tagħha huwa ġie kkumpensat fis-somma ta' Lm1005.12.[26] Għalhekk, a tenur tal-prinċipju li d-danni għandhom kemm jista' jkun jiġu minimizzati, ma jidhirx li dawn l-ispejjez huma ripetibbli.

<u>Dwar (iii):</u> L-attur għamel erba' xhur nieqes mix-xogħol. Qabel l-inċident kien jaħdem fil-grad ta' *deck hand* (baħri) u kellu paga ta' Lm97 fil-ġimgħa, li għal erba' xhur igibu: Lm97 x 17= Lm1649. Madankollu jirrizulta li sadanittant ingħata kumpens mill-*employer* tiegħu għal *injury leave* fis-somma ta' Lm1440.[27] Jigi għalhekk li attwalment tilef biss: Lm209, jew fi flus kurrenti €486 mill-paga.

L-attur jippretendi kumpens ukoll minħabba li kien talab li jingħata *light duties* in segwitu għa dan l-inċident, u għalhekk tqiegħd fil-grad ta' *ticket collector* b'riduzzjoni ta' Lm3 fil-ġimgħa fil-paga, u għal xi zmien anke f'telf ta' overtime.[28] F'dan ir-rigward sejjer jagħmel tajjeb pero' il-kumpens li ħa jingħta bħala *lucrum cessans*, li qiegħed proprju biex jagħmel tajjeb għal xi telf futur minħabba d-debilita' permanenti.

Kien hemm ukoll pretensjoni dwar xogħol *part-time* li l-attur jgħid li kien jagħmel isuq it-trukkijiet ma' burdnar, li huwa jsostni li ma setgħax ikompli jagħmel wara dan l-inċident minħabba l-istrapazz li kien jinvolvi. Imma ma jirrizultax li dan ix-xogħol qatt ġie reġistrat mal-awtoritajiet.[29] Il-Qorti taqbel mal-konvenuti li l-attur m'għandux jiġi kkumpensat meta kien hemm kawża illeċita.[30]

**Lucrum Cessans**: Dawn id-danni huma kontemplati wkoll fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16, u jikkonsistu fit-telf ta' qliegħ li tbati l-vittma 'l quddiem minħabba inkapaċita' għal dejjem, totali jew parzjali, li l-egħmil doluż jew kopluż seta' jġib. Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal piuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "*Jinghad illi l-qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom… ... Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza 'Butler v. Heard'*.[31] Imma kif ġie enfasizzat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża:

*"Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm il-darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal*

[25] Ara riċevuti esebiti mal-affidavit tal-attur tal-4.02.2010 bħala Dok. C 1 sa Dok. C 21 a fol. 387 – 399 tal-proċess
[26] Ara xhieda ta' Warren Grech, Human Resources Manager mal-kumpanija Gozo Channel Co.Ltd. a fol. 591 tal-proċess
[27] Ibid.
[28] Ibid.
[29] Ara xhieda ta' Marcel Tabone mill-ETC u dokumenti minnu esebiti a fol. 614 - 616 u 618 - 619; kif ukoll a fol. 960 – 962 u 963;
[30] Ara Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Francis Attard u Carmel Vella;
[31] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell:15.1.2002

*ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun marrejalta'.*[32]

Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġior parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tat oriġini għal dak li jissejjah il-***multiplier system*** li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmienijiet attwali.[33]

Fil-każ in eżami nsibu illi l-vittma kellu wieħed u erbgħin (41) sena meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża.[34] Huwa ġie ċertifikat mill-esperti mediċi nominati mill-Qorti li jbati minn debilita' permanenti fil-grad ta' ħmistax fil-mija (15%) għal dak li jirrigwarda l-ħsara f'rasu u dahru,[35] kif ukoll ta' sitta fil-mija (6%) għar-rigward tal-menomazzjoni fis-smiegħ u l-vuċi.[36] Kif ġie mfisser fil-ġurisprudenza: "(il-Qorti) *trid teżamina l-aspett ta' Lucrum Cessans u Combined Values meta tigi biex tistabilixxi l-persentagg ta' diżabilita' totali ta' persuna jekk bħala kawża tal-incident ikunu rriżultaw diversi injuries (impairment ratings). Infatti wara li jigu stabiliti l-impairment ratings, għall-kondizzjonijiet kollha kawża tal-incident, fil-fehma tal-Qorti, kif presjeduta, ma tasalx għal persentagg ta' diżabilita' billi tgħodd l-impairment ratings f'daqqa, izda billi tuza l-formula hawn taht imsemmija. Din hi bażata fuq il-principju tal-'whole person impairment' u li tgħaqqad flimkien id-diversi ratings kif modifikati, tibda bl-akbar u tahdem it-tieni fuq ir-rimanenti, u tibqa' dejjem miexi hekk.*"[37] In konformita' ma' din il-ġurisprudenza, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn id-debilitajiet għandhom għalhekk iġibu flimkien *a weighted average* ta': 15% + 6%/2 = tmintax fil-mija (18%).

Il-konvenuti pero' ttentaw jitfgħu dubbju dwar kemm l-attur tassew ibati minn dawn id-debilitajiet, billi l-esperti mediċi fil-maġġior parti tal-eżerċizzju tagħhom kellhom joqgħodu sempliċement fuq dak li rrelatalhom l-attur, billi ftit irriżultat menomazzjoni fiżika apparenti. Infatti pproduċew evidenza li l-attur kien baqa' għaddej bix-xogħol agrikolu tiegħu fir-raba li għandu, għalkemm f'parti żgħira minnha, billi in segwitu għall-inċident kien wella' l-biċċa l-kbira lil terzi għaż-żergħa. Dwar dan esebew ukoll xi ritratti u *video* li juru lill-attur jaħdem fir-raba, jimbotta moħriet u anke jerfa' xkejjer bil-patata.[38]

In vista pero' ta' dak stabilit mill-ġurisprudenza fis-sens illi:

"*In linea ta' principju, għalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha ... fl-istess waqt dan ma jfissirx pero' li qorti dan tista' tagħmlu b'mod*

[32] Francis Sultana vs. John Micallef et noe. et: Appell: 20.7.1994;
[33] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003;
[34] Twieled fit-9.02.1959; (ara okkorenza tal-Pulizija a fol. 100 tal-proċess);
[35] Ara rapport ta' Dr. Anthony Galea Debono a fol. 213 - 216 tal-proċess;
[36] Ara rapport mediku ta' Mr. Eric Farrugia a fol. 521 - 526 tal-process;
[37] P.A. Anthony Azzopardi et. vs Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta: 8.03.2012;
[38] Ara ritratti esebiti a fol. 499 – 506 u video a fol. 507.

*legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami,*" [39]

kif ukoll tar-risposti li taw l-istess esperti mediċi għad-domandi in eskussjoni rispettivi tal-kontendenti, fejn minkejja dawn ir-riżultanzi, baqgħu isostnu l-konklużjonijiet tagħhom,[40] din il-Qorti mhix tal-opinjoni li għandha tiddipartixxi minn dawn il-konklużjonijiet peritli, li allura tagħmilhom tagħha wkoll.

Fil-kawżi li segwew is-sentenza f'Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Imma skont formula applikata anke mill-Qorti tal-Appell għal dan il-fini f'dawn l-aħħar snin, għandu jiġi konsidrat *multiplier* ta' erbatax (14) il-sena.[41]

Il-paga tal-attur bħala *deck hand* sa meta seħħ dan l-inċident, kif rajna, kienet ta' Lm97 fil-ġimgħa li jġibu: Lm5044 f'sena, li llum ifissru: €11,752. L-overtime li jista' jaħdem l-attur mhux sejjer jiġi kkunsidrat billi dan huwa biss fakoltattiv, skont l-esiġenzi tas-servizz u d-disponibilita' tal-impjegat. Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: €11752 (paga bażi) x 14 (snin ta' ħajja lavorattiva li kien għad baqagħlu l-attur) x 18% (debilita'permanenti) = **€29615**. Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas ukoll is-solitu kwint (1/5) minħabba l-*lump sum payment,* għalkemm, tenut kont id-dewmien sabiex tinqata' din il-kawża, l-attur isostni li dan m'għandux isir. Minn eżami tal-proċess jidher pero' li dan id-dewmien kien ikkawżat mill-ħafna provi li ressaq l-attur u l-kontro-eżamijiet eżawrjenti li ried jagħmel lix-xhieda prodotti mill-konvenuti u l-eskussjoni tal-esperti mediċi. Terġa' kien hemm dewmien pendenti l-eżitu fil-proċeduri kriminali li kienu għaddejjin kontestwalment, kif ukoll minħabba l-appell li sar mill-attur minn digriet ta' din il-Qorti. Għalhekk is-somma finali dovuta għal dan il-fini tigi: **€23692.**

## RI-EPILOGU

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli mill-konvenut Francis Attard u likwidat in linea ta' danni kkaġunati lill-attur, per konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża, huwa s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Damnum emergens: | €486 + |
| Lucrum Cessans: | €23,692 |
| **Total ta:** | **€24,178** |

[39] Qorti tal-Appell; Grima vs Mamo et noe: 29.05.1998;
[40] A fol. 1176 – 1181; 1195 – 1198, fil-każ ta' Dr. Galea Debono, u a fol. 1109c – 1109h fil-każ ta' Mr. Farrugia
[41] Darren Sammut vs Eric Zammit: 3.12.2004; ara wkoll P.A. Emmeline Cini vs Antoine Cachia: 18.02.2013 fejn jidher li ġiet stabilita din il-fomula; ara din il-formula kif indikata fin-Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Francis Attard u Carmel Vella a fol. 1285 tal-proċess

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tiddikjara lill-konvenut Francis Attard waħdu responsabbli għad-debilitazzjoni sofferta konsegwenza tal-aggressjoni subita mill-attur fl-inċident mertu ta' din il-kawża;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf mija tmienja u sebgħin euro (€24178);

3. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lill-attur s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, apparti dawk ġia deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2016, u inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali mibgħuta f' Mejju 2001, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jitħallsu mill-konvenut Francis Attard, ħlief għal dawk tal-konvenuti Carmel Vella u ta' Carmel Attard (illum sopravissut min martu Julietta), li ma nstabux responsabbli għad-danni subiti, li għandhom jibqgħu a karigu tal-attur.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur